

Brussell, 2 ta' Marzu 2022
(OR. fr, en)

6406/1/22
REV 1

LIMITE

JAI 216
FREMP 36

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu = <i>Approvazzjoni</i>

Il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu hija waħda mill-prijoritajiet politiċi tal-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kif stabbiliti mill-President tar-Repubblika fid-9 ta' Diċembru 2021.

Għal dan il-għan, il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu sabiex jingħata segwitu għall-Pjan ta' Azzjoni kontra r-Razziżmu u l-Istrateġija dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija adottati mill-Kummissjoni fl-2020 u l-2021.

Wara l-ħidma mwettqa s'issa mill-Kunsill f'dawn l-oqsma, l-approċċ magħżul mill-Presidenza huwa approċċ universalist li jqis ix-xebh bejn dawn iż-żewġ fenomeni mingħajr ma jiċħad l-aspetti speċifiċi rispettivi tagħhom.

L-abbozz ta' konklużjonijiet ġie ppreżentat lid-delegazzjonijiet fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet Fundamentali, id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni li saret fl-10 ta' Jannar 2022. Sussegwentement, fid-dawl tal-kummenti bil-miktub li saru mid-delegazzjonijiet, abbozzi riveduti tal-konklużjonijiet ġew ippreżentat suċċessivament mill-Presidenza lill-istess Grupp ta' Ħidma fit-28 ta' Jannar u s-16 ta' Frar 2022. Il-Grupp ta' Ħidma laħaq qbil dwar it-test rivedut kważi kollu tal-konklużjonijiet fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Frar 2022, bi ftit punti biss pendenti.

Fil-laqgħat tiegħu tat-23 ta' Frar u t-2 ta' Marzu 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti eżamina t-test tal-konklużjonijiet li jinsab fl-Anness għan-nota 6266/22. Huwa laħaq qbil dwar it-test tal-konklużjonijiet kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kunsill huwa mistieden japprova t-test tal-konklużjonijiet dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu kif jinsab fl-Anness għal din in-nota fil-laqgħa tiegħu tat-3 u l-4 ta' Marzu.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

- a. **WARA LI KKUNSIDRA** t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-preambolu u l-Artikoli 2, 3(3) u 6 tiegħu;
- b. **WARA LI KKUNSIDRA** t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 10 u 19 tiegħu;
- c. **WARA LI KKUNSIDRA** l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 1, 2, 3, 5, 6, 7, 10, 20, 21, 22, 51 u 52 tagħha;
- d. **WARA LI KKUNSIDRA** d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-orijini tar-razza jew etniċità;
- e. **WARA LI KKUNSIDRA** d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razzizzmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali;
- f. **WARA LI KKUNSIDRA** d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-approġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, li ssemmi speċifikament il-vittmi ta' reati ta' mibegħda;
- g. **WARA LI KKUNSIDRA** l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2013 dwar il-ġlieda kontra reati ta' mibegħda fl-Unjoni Ewropea;
- h. **WARA LI KKUNSIDRA** d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-antisemitizzmu u l-iżvilupp ta' approċċ ta' sigurtà komuni biex jiġu protetti aħjar il-komunitajiet u l-istituzzjonijiet Lhud fl-Ewropa u d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2020 dwar l-integrazzjoni tal-ġlieda kontra l-antisemitizzmu fl-oqsma kollha ta' politika;
- i. **WARA LI KKUNSIDRA** l-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea Kontra r-Razzizzmu 2020-2025 ippreżentat mill-Kummissjoni fit-18 ta' Settembru 2020;

- j. **WARA LI KKUNSIDRA** l-istrategġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ġajja Lhudija, ippreżentata mill-Kummissjoni fil-5 ta' Ottubru 2021;
- k. **WARA LI KKUNSIDRA** l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 u t-22 ta' Ottubru 2021 li jilqgħu l-istrategġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ġajja Lhudija u jinnotaw li l-Forum Internazzjonali ta' Malmö dwar it-Tifkira tal-Olokawst u l-Ġlieda kontra l-Antisemitiżmu fit-13 ta' Ottubru 2021 huwa tfakkira li għandu jsir kull sforz fil-ġlieda kontra kull forma ta' antisemitiżmu, razziżmu u ksenofobija;
- l. **WARA LI KKUNSIDRA** l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Ewropa aktar inklużiva u protettiva: l-estensjoni tal-lista ta' reati kriminali fl-UE għad-diskors ta' mibegħda u reati ta' mibegħda, ippreżentata fid-9 ta' Diċembru 2021;
- m. **WAQT LI JFAKKAR SOLENNEMENT** li l-Unjoni Ewropea hija unjoni ta' dritt ibbażata fuq valuri kondiviżi inkluż ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranza; L-Istati Membri ntrabtu li jggarantixxu d-drittijiet u l-libertajiet minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fil-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali għall-persuni kollha fil-ġurisdizzjoni tagħhom u li jiżguraw li d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jkunu universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati;
- n. **BILLI** l-Unjoni Ewropea tippromwovi soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza; għalhekk, meta tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni jkollha l-għan li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni kif speċifikat fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;
- o. **BILLI** l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li torbot lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni u lill-Istati Membri meta jimplementaw id-dritt tal-Unjoni, tippoteġi fost oħrajn l-ugwaljanza, id-dritt għad-dinjità, id-dritt għall-ġajja, id-dritt għar-rispett tal-ġajja privata u tal-familja, il-libertà tal-ġsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, u l-libertà tal-espressjoni;
- p. **BILLI** l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 TUE jikkostitwixxu l-identità tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu interess qawwi fihom, u hija r-responsabbiltà tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll tal-Istati Membri, li jirrispettaw u jggarantixxu bis-sħiħ dawn il-valuri;
- q. **FILWAQT LI JIDDEPLORA** ż-żieda allarmanti ta' inċidenti razzisti u antisemitiċi fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-aggravar ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda razzisti u antisemitiċi, iċ-ċaħda u d-distorsjoni tal-Olokawst, u teoriji ta' konfossa, online u offline, b'mod partikolari fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19;

- r. **FILWAQT LI JIDDEPLORA** l-fatt li r-razziżmu u l-antisemitizzmu jistgħu jwasslu u wasslu għal forom ta' estremizzmu vjolenti u terrorizzmu;
- s. **WARA LI KKUNSIDRA** l-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea Kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI) tal-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni ta' Politika Ġenerali Nru 1 dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija, l-antisemitizzmu u l-intolleranza adottata fl-4 ta' Ottubru 1996, u r-Rakkomandazzjoni ta' Politika Ġenerali Nru 9 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-antisemitizzmu adottata fil-25 ta' Ġunju 2004 u riveduta fl-1 ta' Lulju 2021;
- t. **WARA LI KKUNSIDRA** r-Riżoluzzjoni tan-NU tat-13 ta' Lulju 2021 dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali tal-Afrikanu u tal-persuni ta' dixxendenza Afrikana kontra l-użu eċċessiv tal-forza u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem minn uffiċjali tal-infurzar tal-liġi permezz ta' bidla trasformattiva għall-ġustizzja razzjali u l-ugwaljanza, u r-Riżoluzzjoni tan-NU tal-20 ta' Jannar 2022 dwar iċ-ċaħda tal-Olokawst;
- u. **FILWAQT LI JINNOTA** li, filwaqt li l-internet u l-media soċjali joffru spazji ġodda għal-libertà tal-espressjoni, dawn jistgħu jintużaw ukoll biex jippermettu t-tixrid ta' kontenut razzist u antisemitiku, jippermettu forom ġodda ta' persekuzzjoni individwali u fi grupp u ta' inċitament għal vjolenza fiżika u psikoloġika filwaqt li joffru l-anonimità lill-awturi tagħhom u għalhekk sens ta' impunità;
- v. **FILWAQT LI JILQA'** l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea ppreżentati fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda kontra r-Razziżmu, jiġifieri l-ħolqien tas-Sottogrupp għall-implimentazzjoni nazzjonali tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025, li jlaqqa' flimkien ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u l-forum permanenti tal-UE għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kontra r-razziżmu;
- w. **FILWAQT LI JILQA'** l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea ppreżentati fl-istrateġija Ewropea tagħha dwar il-ġlieda kontra l-antisemitizzmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija, jiġifieri l-ħolqien ta' struttura permanenti li tlaqqa' flimkien l-Istati Membri, rappreżentanti tal-komunitajiet Lhud u partijiet interessati rilevanti fl-għamla ta' grupp ta' ħidma dwar kif għandha tiġi implimentata l-istrateġija dwar il-ġlieda kontra l-antisemitizzmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija, u l-organizzazzjoni ta' forum annwali tas-soċjetà ċivili dwar l-antisemitizzmu;
- x. **FILWAQT LI JILQA'** l-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali biex tinġabar data dwar ir-razziżmu u l-antisemitizzmu u b'mod partikolari l-ħarsiet ġenerali annwali tagħha lejn l-inċidenti antisemitiċi rreġistrati fl-Unjoni Ewropea u r-rapport tagħha "Being Black in the EU" (Li Tkun Iswed fl-UE) ippubblikat fit-28 ta' Novembru 2018;
- y. **FILWAQT LI JIKKUNSIDRA** li minkejja l-karatteristiċi distinti inkontestabbli tagħhom, ir-razziżmu u l-antisemitizzmu huma fenomeni li jiċċdu l-ugwaljanza bejn l-individwi; qed jheddu bl-istess mod lis-soċjetajiet tagħna u t-tnejn jeħtieġu reazzjonijiet politiċi sodi li għandhom iqisu l-ispeċifitajiet rispettivi kif ukoll l-aspetti komuni tagħhom;

- z. **FILWAQT LI JĦABREK** biex jiżgura segwitu xieraq u regolari mill-Kunsill li jqis ir-rapporti ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni u l-kontributi mill-Istati Membri kif previst mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea Kontra r-Razziżmu u l-Istrateġija Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, b'kont meħud tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jistieden lill-Istati Membri biex:

1. **JIŻVILUPPAW** pjanijiet ta' azzjoni u/jew strateġiji nazzjonali, u jħabirku biex jagħmlu dan sa tmiem l-2022 kif previst fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE Kontra r-Razziżmu adottat mill-Kummissjoni Ewropea fit-18 ta' Settembru 2020 u l-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija adottata mill-Kummissjoni Ewropea fil-5 ta' Ottubru 2021;
 2. **JAPPROVAW U JUŻAW** id-definizzjonijiet ta' ħidma mhux legalment vinkolanti tal-antisemitiżmu u taċ-ċaħda u d-distorsjoni tal-Olokawst adottati mill-Alleanza Internazzjonali għat-Tifkira tal-Olokawst, bħala gwida utli għal finijiet ta' edukazzjoni u taħriġ, inkluż għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji;
 3. **IQAJMU KUXJENZA** fost il-popolazzjoni tagħhom dwar il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' razziżmu u antisemitiżmu, billi jwettqu dmirhom li jfakkru l-vittmi ta' vjolenza u reati ta' mibegħda razzisti u antisemitiċi, fost oħrajn billi jedukaw dwar l-espressjonijiet storiċi u kontemporanji tar-raziżmu u tal-iskjavitù, kif ukoll dwar l-Olokawst u kif l-antisemitiżmu wassal għalih;
- F'dan ir-rigward, ifakkru d-dati rilevanti marbutin mar-raziżmu u l-antisemitiżmu, bħalma huma l-Jum Internazzjonali ta' Tifkira tal-Olokawst, il-Jum Ewropew ta' Tifkira tal-Olokawst tar-Rom, il-Jum Internazzjonali kontra d-Diskriminazzjoni Razzjali jew il-Jum Internazzjonali għall-Abolizzjoni tal-Iskjavitù, jippromwovu postijiet ta' tifkira u jinkoraġġixxu inizjattivi biex jifakkru l-vittmi ta' atti razzisti u antisemitiċi bħal dawn;
4. **JIPPROMWOVU**, inkluż finanzjarjament, l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-għarfien dwar il-ħajja Lhudija, l-antisemitiżmu u l-Olokawst, kif ukoll dwar ir-raziżmu u l-iskjavitù;
 5. **JIKKUNSIDRAW L-IŻVILUPP**, fil-Gruppi ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni dwar id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda u dak dwar in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u d-diversità, u f'kooperazzjoni mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, metodoloġija komuni għall-kwantifikazzjoni u l-kwalifika ta' inċidenti razzjali u antisemitiċi u t-tqabbil tagħhom kemm matul iż-żmien kif ukoll bejn l-Istati Membri;
 6. **JIŻGURAW** li l-koordinaturi nazzjonali jew il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni għall-ġlieda kontra r-raziżmu u l-antisemitiżmu, il-korpi u l-istituzzjonijiet pubbliċi, il-korpi tal-ugwaljanza, kif ukoll il-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħas-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-gruppi involuti, jaħdmu flimkien mill-qrib fl-iżvilupp ta' miżuri preventivi u fl-evalwazzjoni tal-effettività ta' dawk il-miżuri;

7. **JISTABBILIXXU** istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem skont il-prinċipji ta' Pariġi, u jappoġġaw korpi tal-ugwaljanza robusti, jadottaw qafas leġislattivi li jippermettilhom iwettqu r-rwol tagħhom b'mod indipendenti, u jipprovduhom ir-riżorsi adegwati biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effettiv;
8. **JIPPROMWOVU**, f'konformità mad-dritt għal-libertà tal-espressjoni, kultura kkaratterizzata mit-tolleranza, l-inklużività u r-rispett reċiproku, online u offline, b'mod partikolari billi jrawmu kultura ta' empatija u billi jiskoraġġixxu l-użu ta' rappreżentazzjonijiet negattivi sterjotipiċi ta' individwi u gruppi u teoriji ta' konfossa, ibbażati fuq l-appartenenza tagħhom, kemm jekk reali jew perċepita, għal gruppi etniċi jew reliġjużi;
9. **IĦEĠĠU** lis-setturi varji tal-media, b'mod partikolari dawk tal-media soċjali, tat-teknoloġija u tal-komunikazzjoni biex jimplimentaw kodiċijiet ta' kondotta miftehma fil-livell Ewropew u jħarsu l-impenn tagħhom li jirrispettaw il-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, kif ukoll id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, u jħeġġuhom jiżviluppaw u jadottaw soluzzjonijiet li jippermettulhom li fil-pront jidentifikaw, jivvalutaw u jneħħu diskors ta' mibegħda illegali online ta' natura razzista u antisemitika fost oħrajn;
10. **ISAFHU** l-kapaċità tal-awtoritajiet investigattivi u ġudizzjarji nazzjonali li jħarrku reati kriminali ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda razzisti u antisemitiċi illegali online, f'konformità mal-libertà tal-espressjoni inkluż billi jistabbilixxu miżuri bħal pereżempju ċentri u pjattaformi nazzjonali ta' monitoraġġ online fejn in-nies jistgħu jirrapportaw kontenut ta' mibegħda;
11. **IŻIDU L-ISFORZI TAGĦHOM BIEX JIŻGURAW** is-sigurtà tal-persuni li jappartjenu għal gruppi milquta minn atti ta' razziżmu u antisemitiżmu, kif ukoll madwar istituzzjonijiet reliġjużi, postijiet ta' qima u skejjet konfessjonali, inkluż waqt avvenimenti kulturali jew reliġjużi;
12. **JIKKUNDANNAW** kull forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-orijini etnika reali jew perċepita jew it-twelmin reliġjuż; jiżguraw rispons ġudizzjarju adegwat f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali;
13. **JINKLUDU**, kif xieraq, fit-taħriġ inizjali u kontinwu mogħti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll tal-UE, kontenut dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orijini etnika reali jew perċepita, it-twelmin reliġjuż jew il-kuntest kulturali, u jiżviluppaw l-aħjar Prattiki għall-identifikazzjoni u l-appoġġ tal-vittmi, abbażi, fost oħrajn, tal-ħidma tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u s-CEPOL fejn meħtieġ;

14. **IĦEĠĠU** lill-vittmi u lix-xhieda ta' kull inċident razzist u antisemitiku biex jirrappurtaw dawk l-inċidenti u jressqu lment, inkluż bl-użu ta' mezzi diġitali, filwaqt li jiffaċilitaw il-proċess assoċjat billi jistabilixxu kampanji speċifiċi ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, u joffru assistenza fejn meħtieġ, inkluż appoġġ psikoloġiku, soċjali u materjali, kif ukoll jiżguraw li dawk ir-rapporti jiġu investigati;
15. **JIEĦDU** l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw kumpens adegwat għall-ħsara mġarrba mill-vittmi ta' inċidenti razzisti u antisemitiki li huma kriminalizzati fl-Istati Membri;
16. **JIPPROVDU** appoġġ, inkluż finanzjarju, għal inizzjattivi tas-soċjetà ċivili li jassistu lill-vittmi ta' dawn l-inċidenti matul il-proċessi ta' rappurtar u kumpens;

II-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

17. **FILWAQT LI JILQA'** l-inizzjattivi tal-Kummissjoni u b'mod partikolari:
- il-ħatra f'Diċembru 2015 ta' Koordinatur tal-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u, fl-2021, ta' Koordinatur tal-ġlieda kontra r-razziżmu;
 - il-ħolqien ta' Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda;
 - il-ħolqien ta' Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u d-diversità;
 - il-ħolqien tas-Sottogrupp dwar l-implimentazzjoni nazzjonali tal-Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu;
 - il-ħolqien ta' grupp ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija;
 - il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Unjoni Ewropea dwar il-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda online illegali.

JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex:

18. **ISSOSTNI** l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' raziżmu u antisemitiżmu bħala prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea u tappoġġa lill-Istati Membri sabiex jiżguraw l-iżvilupp ta' standards li joffru protezzjoni komprensiva kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu;
19. **TIŻGURA** li l-Koordinatur tal-ġlieda kontra r-razziżmu u l-Koordinatur tal-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija jingħataw biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji biex iwettqu r-rwoli tagħhom b'mod sħiħ, u li jkun hemm djalogu regolari mal-partijiet ikkonċernati;

20. **TIPPROPONI** aktar opportunitajiet ta' finanzjament, fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, biex tgħin lill-istituzzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, lill-korpi tal-ugwaljanza u lil korpi u istituzzjonijiet pubbliċi oħra nazzjonali, jiżviluppaw għarfien espert dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fil-livell nazzjonali, skont l-Istrateġija, biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE;
21. **TAPPOĠĠA**, inkluż finanzjarjament, il-bini tal-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u l-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra r-razziżmu u l-antisemitiżmu, b'mod partikolari billi tteġġiġhom jiżviluppaw proġetti mmirati biex iżidu l-koeżjoni soċjali b'hal pereżempju medjazzjoni, riżoluzzjoni tal-konflitti u djalogu bejn ir-reliġjonijiet;
22. **TIPPROVDI** aġġornamenti dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE Kontra r-Razziżmu u tal-Istrateġija dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu u s-sostenn tal-ħajja Lhudija, u dwar inizjattivi nazzjonali relatati f'dan ir-rigward, billi tippubblika rapporti interim li jkun fihom analiżi u riżultati.
-